MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 30/2014

**Camilleri Kevin**

**vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv**
**tal-Kunsill Lokali Mosta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi kien qieghed isuq il-vettura tieghu Fiat Brava KEV-381 fit-Triq San Silvestru, Mosta u kien ghaddej speed normali; illi dik il-gurnata kienet ghamlet ix-xita u kien is-sebgha ta' filghaxija meta l-esponenti waqt li kien qieghed isuq il-vettura tieghu dahal go hofra li kienet fit-triq; illi konsegwenza ta' dan, l-esponenti sofra danni fil-vettura tieghu in partikolari fis-suspension ta' quddiem, liema danni jammontaw ghall-ammont ta' tmien mija u tmien ewro, hamsa u disghin centezmu (€808.95c). Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitlob sabiex l-intimat jigi kkundannat li jhallas is-somma ta' tmien mija u tmien ewro, hamsa u disghin centezmu (€808.95c) jew

somma ohra li dan l-Onorabbli Tribunal jiddeciedi bl-ispejjez kontra l-intimat li hu ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet tal-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dan peress li l-Kunsill Lokali konvenut m'ghandu ebda htija dwar l-allegat incident u dan peress illi fit-triq indikata la ghamel xogholijiet u wisq inqas naqas milli jaghmel xogholijiet fil-wicc tal-imsemmija triq. Illi l-attur ghandu jipprova li sehh l-incident kif jistqarr fl-avviz kif ukoll jipprova r-responsabilita' tal-Kunsill Lokali konvenut ghall-akkadut. Illi minghajr pregudizzju l-allegat incident sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku minnek. Illi minghajr pregudizzju ghal dak eccepit l-attur ghandu jipprova d-danni minnu reklamati fl-avviz. Illi minghajr pregudizzju l-ammont li qieghed jintalab hu esagerat. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Ghaldaqstant it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur ingunt ghas-Subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur qed jitlob hlas tas-somma ta' tmien mija u tmien ewro, hamsa u disghin centezmu (€808.95c) li jirraprezentaw l-ispejjez li nefaq sabiex saret tiswija fil-vettura proprjeta' tieghu, bin-numru ta' registrazzjoni KEV-381, wara illi din il-vettura garrbet hsarat f'wahda mir-roti taghha meta l-istess attur ghadda minn hofra fi Triq San Silvestru, Mosta. Illi dan l-incident sehh fit-22 ta' Frar, 2012; illi dak inhar kienet ghamlet ix-xita, u meta l-attur ghadda minn din it-triq bil-karozza tieghu, ghadda minn gewwa hofra li, peress li kienet mimlija bl-ilma, ma kienitx tidher. Illi konsegwenza ta' dan, inqasam *tyre* u gie danneggjat ir-*rim*, saret hsara fil-*wishbone* u l-*wishbone arm*, kif ukoll fis-*suspension* tal-istess vettura. Illi dwar dan il-kaz, l-attur ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, u ddikjara wkoll illi ressaq l-ilment tieghu mal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Illi minn stharrig li ghamel l-attur irrizultalu illi kien hemm persuni ohra li wkoll garrbu hsara f'vetturi proprjeta' taghhom meta ghaddew minn hofor fit-triq, bhal ma gralu l-attur, u dawn gew ikkumpensati mill-Kunsill konvenut. Illi minn stharrig li ghamel ma' Transport Malta rrizultalu illi t-triq in kwistjoni, senjatament

il-manutenzjoni taghha, taqa' taht il-kompetenza u responsabilita' tal-Kunsill konvenut. Illi l-persuni li wettqu t-tiswija fil-vettura tal-istess attur iddikjaraw x-xogholijiet saru minnhom, u kkonfermaw li rcevew hlas minghand l-attur.

Illi s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill konvenut – li madanakollu ddikjara illi ma kienx is-Segretarju Ezekuttiv ta' dan il-Kunsill fiz-zmien in kwistjoni – iddikjara illi l-istess Kunsill ghandu persuni adetti mieghu li xogholhom huwa li jivverifikaw dwar hsarat li jirrizultaw fit-toroq tal-lokalita', u jinformaw b'dan lill-kuntrattur affiljat mal-istess Kunsill, bil-ghan illi ssir it-tiswija mehtiega fl-iqsar zmien possibbli. Illi tali persuna hija l-handyman inkarigat mill-Kunsill, li wahda mill-mansjonijiet tieghu hija li jivverifika dwar rapporti li jkunu saru fi hdan il-Kunsill dwar hsarat fil-lokalita', sabiex tali rapporti imbaghad jghaddihom lill-kuntrattur, li jwettaq it-tiswija minnufih. Illi minn verifiki illi wettaq l-istess Segretarju Ezekuttiv irrizulta illi x-xogholijiet ta' riparazzjoni li saru mill-kuntrattur fit-toroq tal-Mosta fl-2012, gew iccertifikati mill-Perit inkarigat mill-istess Kunsill f'Awwissu, 2012, u dan minhabba li sar xi tibdil tal-Perit adett mal-Kunsill, li fiz-zmien in kwistjoni kien skadilu l-kuntratt. Illi l-istess Segretarju kkonferma illi fl-2012 saru xogholijiet ta' riparazzjoni fi Triq San Silvestru, Mosta, izda minhabba d-diffikulta' dwar it-tibdil fil-Perit, ma setax jaghti informazzjoni dwar meta gew imwettqa tali xogholijiet, izda biss li dawn gew iccertifikati mill-Perit f'Awwissu, 2012.

Ikkunsidra,

Illi fil-kawza odjerna m'hemmx kontestazzjoni mill-Kunsill konvenut illi t-triq fejn allegatament sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, u cioe' Triq San Silvestru, Mosta, hija fil-fatt wahda mit-toroq illi taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill konvenut ghal dak li jirrigwarda l-manutenzjoni taghha. Anzi, mid-dokumenti li gewipprezentati mill-istess Segretarju Ezekuttiv, senjatament Dok.'JC1' (a fol.50 *et seq* tal-atti), jirrizulta illi saret hafna tiswija, ossia *patching up*, ta' hofor f'din l-istess triq, ghalkemm min dan id-dokument ma jirrizultax il-medda ta' zmien li tulha saru tali tiswijiet. Jirrizulta biss illi tali tiswijiet gew iccertifikati mill-Perit inkarigat mill-Kunsill f'Awwissu, 2012.

Illi f'dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tal-attur, u cioe' illi fit-22 ta' Frar, 2012 garrab hsara fil-vettura tieghu meta din ghaddiet minn hofra fi Triq San Silvestru, Mosta, din giet korroborata biss minn rapport li sar mill-istess attur fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta (a fol.31 tal-atti), u

b'ritratt tal-allegata hofra li l-attur ghadda minnha bil-karozza tieghu (a fol.26 tal-atti). Illi mill-kumplament, l-attur ressaq biss dikjarazzjonijiet minn persuni li wettqu xogholijiet ta' tiswija fuq il-vettura tieghu li kkonfermaw l-estent tal-hsara li garrab u x'riparazzjoni jew tibdil ta' parts kienet mehtiega. Illi l-istess attur iddikjara illi dak inhar li sehh l-incident kienet ghamlet ix-xita, u li din il-hofra ma rahiex ghaliex kienet mimlija bl-ilma.

Illi da parti tieghu, is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill konvenut isostni illi ma jirrizultax li sar rapport mill-attur dwar dan l-incident fi hdan il-Kunsill, u f'dan ir-rigward ressaq dikjarazzjoni tal-*customer care officer* impjegat fi hdan l-istess Kunsill, li huwa l-persuna li jircievi tali lmenti. Illi minkejja f'tali dikjarazzjoni, rrizulta pero', illi l-attur kien effettivament ressaq ilment mal-Kunsill, u dan tenut kont tal-ittra li ntbaghtet mill-istess Kunsill konvenut lill-attur, datata 16 ta' April, 2012 (a fol.36 tal-atti) – li permezz taghha l-attur gie informat illi l-istess Kunsill ma kienx ser jaccetta "*...talbiet ghal hlas ta' spejjez li jkunu saru f'karozzi li jsofru danni fit-toroq distributorji tal-lokalita' tal-Mosta*" – oltre illi permezz ta' ittra ohra, datata 29 ta' Mejju, 2013 (a fol. 37 tal-atti), li ntbaghtet in linea ta' risposta ghall-ittra legali interpellatorja datata 22 ta' Mejju, 2013 (a fol.34 tal-atti), l-istess Kunsill konvenut talab informazzjoni minghand l-attur dwar l-allegat incident, u dan kif dettaljat f'tali itra.

Illi ghalhekk, u fic-cirkostanzi, l-informazzjoni li nghatat mis-Segretarju Ezekuttiv illi l-attur ma ressaq ebda ilment mal-Kunsill dwar dan l-incident, m'hix korretta. Illi fi kwalunkwe kaz, u fid-dawl tal-fatt illi mid-dokument li gie pprezentat mill-istess Segretarju Ezekuttiv (Dok.'JC1' a fol.50 tal-atti) jirrizulta illi saru xogholijiet ta' tiswija ripetutament fi Triq San Silvestru, Mosta fis-sena 2012, jindika illi din it-triq ma kienitx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni ladarba kienet tehtieg xoghol ta' *patching up* f'diversi okkazjonijiet jew postijiet. Illi ghalkemm minn dan id-dokument ma jirrizultax jekk il-hofra, li konsegwenza taghha sehh l-allegat incident mertu ta' din il-kawza, hijiex wahda minn dawk li sar ix-xoghol fuqhom, madanakollu, fuq bilanc ta' probabilita', huwa ferm probabbli li din il-hofra kienet wahda minn dawk elenkati f'din il-lista. Illi s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill konvenut iddikjara illi l-istess Kunsill ghandu persuni adetti mieghu li jwettqu xogholijiet ta' riparazzjoni minnufih, u hekk kif jirrizultalhom li hemm il-hsara fit-toroq tal-lokalita'. Illi in rigward din il-hofra partikolari ddikjara illi huwa probabbli li din zviluppat dak inhar stess, peress li ghamlet ix-xita, u li kien ghalhekk illi ma gietx msewwija minnufih. Illi ghalhekk il-Kunsill konvenut isostni illi ma kienx hemm traskuragni u negligenza da parti tieghu, ghaliex l-istess

Kunsill jaghmel dak kollu possibbli sabiex il-hsara li tinqala' fit-toroq, tigi rimedjata fl-iqsar zmien possibbli.

Illi ghalkemm mhux eskluz illi l-Kunsill konvenut jittenta jirrimedja ghall-hsara li tirrizulta fit-toroq tal-lokalita' tieghu fl-iqsar zmien possibbli, madanakollu, l-istess Kunsill ghandu wkoll obbligu illi jaccerta illi t-toroq jinzammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, liema responsabilita' tirrizulta minn Artikolu 33(1) (a) tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk, filwaqt illi l-Kunsilli Lokali ghandhom id-dmir li jaccertaw illi hsara li tirrizulta fit-toroq tal-lokalita' taghhom ghandha tigi rimedjata minnufih, madanakollu ghandhom jaccertaw ukoll illi t-toroq jinzammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, b'tali mod illi ma jizviluppawx hofor fihom hekk kif taghmel ix-xita.

Illi ghalhekk, gialadarba mill-atti processwali rrizulta illi fit-triq mertu ta' din il-kawza saru ripetutament xogholijiet ta' riparazzjoni ta' hofor, u kuntrarjament ghal dak li gie dikjarat mis-Segretarju Ezekuttiv illi l-attur ma ressaq ebda ilment dwar l-akkadut mal-Kunsilll Lokali konvenut, l-istess attur gharraf lill-Kunsill dwar l-incident in kwistjoni, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-istess Kunsill konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-hsara li l-attur garrab fil-vettura proprjeta' tieghu meta dan ghadda bil-karozza tieghu minn hofra li kien hemm fi Triq San Silvestru, Mosta.

Illi in rigward l-estent tad-danni li l-attur garrab fil-vettura proprjeta' tieghu, u l-ispejjez li nkorra sabiex irrimedja ghal tali hsara, l-istess attur ipprezenta diversi ricevuti (a fol.26 sa 28, u 43), li kumplessivament jammontaw ghas-somma ta' tmien mija u tmien ewro, hamsa u disghin centezmu (€808.95c). Illi minn ezami ta' dawn id-dokumenti u ricevuti jidher illi r-ricevuta fiskali a fol.26 tal-atti ghall-ammont ta' hamsa u sittin ewro (€65.00) rilaxxjata minn Charles Galea tittratta dwar l-istess *parts* rizultanti mill-fattura/ricevuta a fol.27 tal-atti. Illi ghalhekk din ir-ricevuta/fattura tal-ahhar, li m'hix akkumpanjata minn ricevuta fiskali, u lanqas ma jirrizulta minnha minn min intalbet jew lil min inghatat, ser tigi skartata. Illi ghalhekk it-talba tal-attur qed tigi milqugha ghall-hlas tal-ammont ta' seba' mija u ghoxrin ewro (€720.00).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet sollevati mill-Kunsill konvenut, qed jilqa' t-talba tal-attur u jordna lill-Kunsill konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u ghoxrin ewro (€720.00).

L-ispejjez jkunu a karigu tal-Kunsill konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------